# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 30 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 26.**
**Citazz. Nru. 1280/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Joseph sive Jesmond u Antonia mizzewgin PACE.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Joseph sive Jesmond u Antonia mizzewgin Pace;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph sive Jesmond u Antonia mizzewgin Pace fl-ammont ta' elf, seba' mija u zewg liri maltin u tnax-il centezmu (Lm1,702.12) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenuti Joseph sive Jesmond u Antonia mizzewgin Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti Joseph sive Jesmond mizzewgin Pace gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 1999 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "B" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Joseph sive Jesmond u Antonia mizzewgin Pace ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u zewg liri maltin u tnax-il centezmu (Lm1,702.12c) bilanc ghad-debitu fil- "Loan Account" tal- konvenuti Joseph sive Jesmond u Antonia mizzewgin Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 1999 (Dok "B") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l- Avukat tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha rriduciet it-talba b’disa’ liri u tlieta u sittin centezmu (Lm9.63c) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici** limitatament ghas-somma ta’ elf sitt mija u tnejn u disghin liri maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1692.49c) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**30 ta’ Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta’ Novembru, 2000.**